

RAPPORT

**dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja
2011 flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija**

(2012/C 388/10)

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija" jew l-"EASA"), li tinsab f'Kolonja, ġiet stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾. Il-kompiti tal-Aġenzija huma li żżomm livell għoli ta' sikurezza fl-avjazzjoni ċivili, li tiżgura l-iżvilupp xieraq ta' sikurezza fl-avjazzjoni ċivili, li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni u li tipprovdi ċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti ajrunawtiċi⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-verifika meħud mill-Qorti fih proċeduri tal-verifika analitiċi, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn huwa relevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti vverifikat il-kontijiet annwali⁽³⁾ tal-Aġenzija, li jikkonsistu fir-"rapporti finanzjarji"⁽⁴⁾ u fir-"rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit"⁽⁵⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011, u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-Maniġment

4. Bħala uffiċjal li jawtorizza, id-Direttur jimplementa d-dħul u l-infiq tal-baġit skont ir-regoli finanzjarji tal-Aġenzija, fuq ir-responsabbiltà tiegħu stess u fil-limiti tal-appropriazzjonijiet awtorizzati⁽⁶⁾. Id-Direttur huwa responsabbli milli

jistabbilixxi⁽⁷⁾ l-istruttura organizzattiva u s-sistemi u l-proċeduri ta' ġestjoni u ta' kontroll interni relevanti għat-tħejjija ta' kontijiet finali⁽⁸⁾ li jkunu ħielsa minn dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba fi frodi u sew jekk minħabba xi żball, u biex jiżgura li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet huma legali u regolari.

Ir-responsabbiltà tal-Awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽⁹⁾, abbażi tal-verifika tagħha, b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati.

6. Il-Qorti mexxiet l-awditu (verifika) tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (Verifika) u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu (verifika) biex tikseb aċċertament (assigurazzjoni) raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

7. Awditu (Verifika) jinvolvi t-tweġiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar (verifika) dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet (żvelar) fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Il-proċeduri jintgħażlu skont il-ġudizzju tal-awditur, inkluża valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali tat-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżit tal-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawk ir-riskji, l-awditur iqis il-kontrolli interni relevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet u tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll implimentati sabiex jiġu aċċertati (żgurati) l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, sabiex ifassal il-proċeduri tal-awditjar (verifika) li jkunu xierqa skont iċ-ċirkostanzi. Awditu (Verifika) jinkludi wkoll evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi li jkunu qed jiġu applikati u r-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi magħmula, kif ukoll evalwazzjoni tal-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

⁽¹⁾ ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1.

⁽²⁾ L-Anness jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Aġenzija. Huwa jiġi ppreżentat għal-skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn il-kontijiet huma akkumpanjati minn rapport dwar il-ġestjoni tal-baġit u dik finanzjarja matul is-sena li jagħti aktar informazzjoni dwar l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-baġit.

⁽⁴⁾ Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-likwidità, ir-rapport tat-tibdil fl-attivi netti u sommarju tal-politiki tal-kontabilità prinċipali u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁵⁾ Ir-rapporti tal-implimentazzjoni tal-baġit jikkonsistu fil-kont tar-riżultat tal-baġit u fl-anness tiegħu.

⁽⁶⁾ L-Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72).

⁽⁷⁾ L-Artikolu 38 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002.

⁽⁸⁾ Ir-regoli dwar il-preżentazzjoni tal-kontijiet u tal-kontabilità mill-Aġenzija huma stabbiliti fil-Kapitolu 1 u 2 tat-Titolu VII tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 652/2008 (ĠU L 181, 10.7.2008, p. 23), u huma integrati hekk fir-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija.

⁽⁹⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

8. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar (verifika) miksuba hija suffiċjenti u adegwata biex tipprovdi bażi għall-opinjoni imniżżlin hawn taħt.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-Kontijiet Annwali tal-Aġenzija⁽¹⁰⁾ jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2011 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus (likwidità) tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni⁽¹¹⁾.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

10. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

11. Il-kummenti li ġejjin ma jixtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI TAL-BAĖIT U DIK FINANZJARJA

12. It-tnaqqis fil-koeffiċjent tal-pajjiż għall-Ġermanja f'Ġunju 2010 kkawża bilanċ pożittiv sinifikanti fl-appropriazzjonijiet tat-Titolu I tal-Aġenzija (nefqa għall-persunal) għall-2011. Ġew trasferiti madwar EUR 3 miljun (7 % tal-appropriazzjonijiet) mit-Titolu I għal diversi linji tal-baġit fit-Titolu III (nefqa operazzjonali), minkejja r-rata baxxa ta' implimentazzjoni tagħhom fir-rigward ta' pagamenti⁽¹²⁾. Hekk kif huwa permess mir-Regolament Finanzjarju tal-EASA, dan it-trasferiment sinifikanti minn titolu għall-ieħor, li biddel l-istruttura tal-baġit b'mod konsiderevoli, ma tressaqx quddiem il-bord amministrattiv tal-Aġenzija

⁽¹⁰⁾ Il-Kontijiet Annwali Finali kienu ppreparati fid-29 ta' Ġunju 2012 u rċevuti mill-Qorti fit-2 ta' Lulju 2012. Il-Kontijiet Annwali Finali, ikkonsolidati ma' dawk tal-Kummissjoni, jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea sal-15 ta' Novembru tas-sena ta' wara. Dawn jinstabu fuq il-websajt li ġej <http://eca.europa.eu> jew <http://www.easa.europa.eu/>.

⁽¹¹⁾ Ir-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fin-nuqqas tagħhom, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità.

⁽¹²⁾ Linja tal-baġit 3 200 (żvilupp ta' applikazzjonijiet ta' negozju) miżjuda b'37 % għal EUR 3,5 miljun; linja tal-baġit 3 600 (fassil ta' regoli) miżjuda b'87 % għal EUR 1,4 miljun; linja tal-baġit 3 601 (kooperazzjoni internazzjonali) miżjuda b'123 % għal EUR 778 000 u linja tal-baġit 3 903 (riċerka) miżjuda b'550 % għal EUR 1,3 miljun.

għal approvazzjoni⁽¹³⁾. Madankollu, din is-sitwazzjoni tmur kontra l-prinċipju baġitarju tal-ispeċifikazzjoni.

13. It-trasferiment żied l-appropriazzjonijiet tat-Titolu III għal EUR 13,7 miljun. Madankollu, fl-aħħar tas-sena EUR 7,8 miljun ġew riportati għall-2012. Dan imur kontra l-prinċipju baġitarju tal-annwalità.

KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI EWLENIN TAS-SISTEMI TA' SORVELJANZA U KONTROLL TAL-AĖENZJA

14. Jeħtieġ li l-Aġenzija ttejjeb il-ġestjoni tal-attivi fissi. L-attivi huma rreġistrati f'żewġ sistemi differenti li jistgħu jiġu rikonċiljati biss manwalment. Inventorji fiżiċi għandhom jiġu rrappurtati u mqassra aħjar. L-estimu tal-ispiża għall-proġetti ta' attivi fissi ġġenerati internament, ma kienx adegwat u d-devjazzjonijiet ma ġewx immonitorati. Ma tqisux l-ispejjeż interni kollha għall-persunal u d-dokumentazzjoni tal-ispejjeż esterni ma kinitx suffiċjenti.

15. Fl-aħħar tal-2011, l-Aġenzija kellha bilanċi bankarji ta' EUR 55 miljun (2010: EUR 49 miljun) f'bank wieħed biss. Ma kien hemm ebda politika tat-teżor stabbilita biex jiġi limitat dan ir-riskju u fl-istess ħin jinkisbu redditi xierqa fuq l-investment.

KUMMENTI OĦRA

16. Il-Qorti identifikat aktar ħtieġ ta' titjeb it-trasparenza tal-proċeduri ta' għażla tal-persunal. M'hemm ebda evidenza li l-Aġenzija stabbiliet il-mistoqsijiet għat-testijiet bil-miktub u l-intervisti, l-għadd massimu ta' kandidati għal-lista ta' riżerva jew il-marki minimi biex wieħed jitqiegħed fuq din il-lista, qabel ma' ġew eżaminati l-applikazzjonijiet.

17. Il-kuntratt ta' kera attwali tal-Aġenzija jirrikjediha tirrestawra l-bini mikri fi tmien il-kera u li treġġgħu lura għall-kundizzjoni oriġinali tiegħu. Sar provvediment ta' EUR 1 miljun fil-kontijiet abbażi tal-istima tal-Aġenzija tal-ispejjeż għat-tiswija tat-tiġrif. Madankollu l-istima tas-sid hija ta' EUR 4 miljun. Jeħtieġ li l-Aġenzija tikseb stima esterna indipendenti tal-ispejjeż tat-tiġrif u li dawn jiġu riflessi fil-kontijiet kif xieraq.

18. Il-Qorti wettqet verifika mmirata lejn l-evalwazzjoni tal-politiki u l-proċeduri għall-immaniġġjar ta' sitwazzjonijiet ta' konflitt ta' interessi għal erba' Aġenziji Ewropej, inkluża l-EASA. Ir-riżultati tal-verifika huma ppreżentati f'dokument separat (ir-Rapport Speċjali 15/2012).

⁽¹³⁾ Skont kemm ir-Regolament Finanzjarju tal-EASA kif ukoll dak ġenerali, dawk it-trasferimenti biss li huma aktar minn 10 % tal-appropriazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati lill-Bord Amministrattiv għal approvazzjoni. Madankollu, għal kuntrarju tar-Regolament Finanzjarju ġenerali tal-UE, ir-Regolament Finanzjarju tal-EASA ma jillimitax it-trasferimenti għal massimu ta' 30 % tal-appropriazzjonijiet tal-linji tal-baġit li se jirċievu t-trasferimenti.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-5 ta' Settembru 2012.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX

L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (Kolonja)

Il-kompetenzi u l-attivitajiet

<p>L-oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikolu 100 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p>	<p>Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura legiŝlattiva ordinarja, jistgħu jstabbilixxu d-dispożizzjonijiet xierqa għan-navigazzjoni marittima u tal-ajru. Huma għandhom jaġixxu wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u mal-Kumitat tar-Reġjuni.</p>
<p>Il-kompetenzi tal-Aġenzija</p> <p>(Is-setgħat tal-Aġenzija kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament u tal-Kunsill (ir-“Regolament Bażiku”))</p>	<p>L-objettivi</p> <ul style="list-style-type: none"> — Li żżomm livell uniformi għoli ta' sikurezza tal-avjazzjoni ċivili fl-Ewropa u tiżgura l-funzjonament u l-iżvilupp tajjeb ta' sikurezza tal-avjazzjoni ċivili. <p>Il-kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — Li toħroġ opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Kummissjoni; — Li toħroġ speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni, inklużi kodiċijiet tal-airworthiness (ajrunavigabbiltà) u mezzi aċċettabbli ta' konformità, u kwalunkwe materjal ta' gwida għall-applikazzjoni tar-Regolament Bażiku u tar-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu; — Li tieħu deċiżjonijiet dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-airworthiness (ajrunavigabbiltà) u ambjentali, ċertifikazzjoni tal-piloti, ċertifikazzjoni ta' operazzjoni fl-ajru, operaturi tal-pajjiżi terzi, spezzjonijiet tal-Istati Membri u l-investigazzjoni ta' impriżi; — Li twestaq spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, Stati assoċjati u l-Istati li qabel kienu jiffurmaw parti mill-Awtoritajiet Konġunti tal-Avjazzjoni (JAA) (<i>f'dan il-każ skont l-arranġamenti ta' ħidma</i>).
<p>It-tmexxija</p>	<p>Il-Bord Amministrattiv</p> <p>Kompożizzjoni: jikkonsisti minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u rappreżentant wieħed mill-Kummissjoni.</p> <p>Kompiti: jstabbilixxi korp konsultattiv ta' partijiet interessati.</p> <p>Il-Direttur Eżekuttiv</p> <p>Jamministra l-Aġenzija u huwa maħtur mill-Bord Amministrattiv fuq proposta mill-Kummissjoni.</p> <p>Il-Bord tal-Appell</p> <p>Jiddeċiedi dwar appelli kontra d-deċiżjonijiet tal-Aġenzija rigward ċertu aspetti bħal ċertifikazzjoni, miżati, ħlasijiet u kontrolli fl-impriżi.</p> <p>Il-verifika esterna</p> <p>Il-Qorti tal-Awdituri.</p> <p>L-Awtorità ta' Kwittanza</p> <p>Il-Parlament, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill</p>
<p>Ir-riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2011 (2010)</p>	<p>Il-Baġit Finali</p> <p>Il-baġit totali: EUR 138,7 (137,2) miljun, inklużi</p> <p>Dħul proprju: EUR 75,2 (73) miljun (54,2 %)</p> <p>Sussidju tal-Unjoni: EUR 34,4 (34,2) miljun (24,8 %)</p> <p>Kontribuzzjoni minn pajjiżi li mhumiex fl-UE: EUR 1,7 (1,7) miljun (1,2 %)</p>

	<p>Dħul assenjat minn miżati u ħlasijiet: EUR 24,7 (27,1) miljun (17,8 %)</p> <p>Dħul ieħor: 1,4 (0,6) (1 %)</p> <p>Sussidji oħra: 1,2 (0,7) (1 %)</p> <p>Il-persunal fil-31 ta' Diċembru 2011</p> <p>574 (570) persunal temporanju fit-tabella tal-persunal.</p> <p>Karigi okkupati: 573 (523)</p> <p>Persunal ieħor: 68 (63), persunal b'kuntratt 57 (54), esperti nazzjonali ssekondati 11 (8), konsulenti speċjali 0 (1)</p> <p>Total tal-persunal temporanju: 574 ⁽¹⁾ (524)</p> <p>— Karigi mimlija ffinanzjati mis-sussidju: 223 ⁽²⁾ (206)</p> <p>— Karigi mimlija ffinanzjati mill-miżati: 350 ⁽²⁾ (318)</p>
<p>Il-prodotti u servizzi fl-2011 (2010)</p>	<p>L-opinjoni</p> <p>7 Opinjonijiet għal emendi għar-Regolamenti (KE) Nru 2042/2003 u (KE) 1702/2003</p> <p>Id-Deċiżjonijiet dwar it-Tfassil tar-Regoli</p> <p>15-il Deċiżjoni relatati mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni (5), Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità u Materjal ta' Gwida (10)</p> <p>Ir-riżultati addizzjonali fl-2011 (li jwasslu għal Regoli fis-snin li ġejjin)</p> <p>21 Terminu ta' Referenza (ToRs), 20 Notifika ta' Emendi Proposti (NPAs), 18-il Dokument ta' Kummenti dwar ir-Rispons (CRDs)</p> <p>Il-kooperazzjoni Internazzjonali</p> <p>8 Arranġament ta' Ħidma.</p> <p>12-il Proċedura ta' Implimentazzjoni għall-Arranġament ta' Ħidma.</p> <p>25 rakkomandazzjoni mogħtija lill-Istati tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO).</p> <p>Il-BASA (Ftehim Bilaterali dwar is-Sikurezza tal-Avjazzjoni)</p> <p>Dħul fis-seħħ tal-Ftehim Bilaterali dwar is-Sikurezza tal-Avjazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti u l-Ftehim Bilaterali dwar is-Sikurezza tal-Avjazzjoni bejn l-UE u l-Kanada.</p> <p>Appoġġ għall-preparazzjoni ta' 2 laqgħat tal-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza, 2 laqgħat tal-Bord ta' Superviżjoni taċ-Ċertifikazzjoni u 2 laqgħat tal-Bord Konġunt ta' Koordinazzjoni tal-Manutenzjoni mal-Federal Aviation Administration (FAA) (l-Amminis-trazzjoni Federali tal-Avjazzjoni) u Sottokomitat wieħed dwar iċ-ċertifikazzjoni mat-Transport Canada Civil Aviation (TCCA).</p> <p>Id-deċiżjonijiet ta' ċertifikazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2011</p> <p>Ċertifikati tat-Tip/Ċertifikati tat-Tip Restritt (TCs/RTCs): 13 ⁽³⁾</p> <p>Ċertifikati ta' Tip Supplimentari (STCs): 656</p> <p>Direttivi dwar l-Airworthiness (l-ajrunavigabbiltà) (ADs): 271</p> <p>Metodu Alternattiv ta' Konformità (AMOC): 53</p> <p>European Technical Standard Order Authorisation (l-Awtorizzazzjoni Ewropea dwar l-Ordni tal-Istandards Tekniċi) (ETSOA): 236</p> <p>Bidliet kbar/Tiswijiet kbar/Derivattivi Ġodda TC: 903</p>

Bidliet żgħar/Tiswijiet żgħar: 977
Il-Manwal tal-Inġenji tal-Ajru (AFM): 383
Approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-titjir (PTF): 594
Appoġġ ta' Ċertifikazzjoni għall-Validazzjoni (CSV): 8
Approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' Disinn (AP u Proċeduri Alternattivi għal DOA (AP-DOA): 495
Approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' Manutenzjoni (bilaterali) ⁽⁴⁾ : 1 533
Approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' Manutenzjoni (barranin) ⁽⁴⁾ : 278
Approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' taħriġ dwar il-Manutenzjoni ⁽⁴⁾ : 45
Approvazzjoni tal-Manifattura ⁽⁴⁾ : 23
L-ispezzjonijiet dwar l-Istandardizzazzjoni (għadd ta' pajjiżi skont it-tip) fil-31 ta' Diċembru 2011
Fil-qasam tal-Airworthiness (Ajrunavigabbiltà) (AIR): 26
Fil-qasam tal-Operazzjonijiet (OPS): 25
Fil-qasam tal-liċenzji tal-ekwipaġġ tat-titjir (FCL): 22
Fil-qasam tal-apparat ta' taħriġ għas-simulazzjoni tat-titjir (FSTD): 9

⁽¹⁾ Żewġ piloti strutturali part-time jokkupaw post wieħed.

⁽²⁾ Id-diviżjoni ta' postijiet mimlija bejn dawk iffinanzjati mill-miżati u dawk iffinanzjati mis-sussidju tista' tinbidel soġġetta għar-reviżjoni li possibilment issir tal-kriterji tat-tqassim għall-kontabilità tal-ispejjeż mill-31 ta' Diċembru 2011.

⁽³⁾ Dawk it-TCs/RTCs biss li inħarġu għal disinn ta' tip ġdid ġew ikkunsidrati. It-TCs maħruġa bħala riżultat ta' anterjorità, trasferiment jew ħruġ mill-ġdid amministrattiv ġew esklużi.

⁽⁴⁾ L-attività ta' approvazzjoni tal-organizzazzjoni hija suddiviża fattività ta' sorveljanza prinċipali ta' *organizzazzjonijiet* diġà approvati (*b'tiġdid kull sentejn jew kull tliet snin*) u attività marbuta ma' approvazzjonijiet ġodda. Id-data mogħtija tikkonċerna l-għadd totali ta' approvazzjonijiet fil-31 ta' Diċembru 2011.

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

IT-TWEĠIBIET TAL-AĠENZJA

12. Il-bilanċ pożittiv identifikat fit-titolu I irriżulta prinċipalment minn avvenimenti li ma jaqgħux taħt il-kontroll tal-Aġenzja u ma setgħax jiġi previst fl-istadju tal-ippjanar tal-baġit. Wara li l-maniġment superjuri kkunsidra s-sitwazzjoni bir-reqqa, il-fondi disponibbli tat-titolu I ġew riallokati lill-proġetti ta' prijorità għolja f'konformità mar-regoli baġitarji ta' trasferiment stabbiliti fir-regolament finanzjarju tal-Aġenzja.
13. Għalkemm tnedew malajr, il-proċeduri ta' sejħiet għal offerti li jieħdu l-ħin ikkontribwixxew bis-sħiħ għal-livell għoli ta' ammonti miġjuba 'l quddiem ta' impenji fl-aħħar tas-sena. Barra minn hekk, l-uffiċjali ta' awtorizzazzjoni tal-Aġenzja, fid-deċiżjonijiet tagħhom, dejjem ibbalanċjaw bir-reqqa r-rekwiżiti xi drabi konflinġenti tal-prinċipju ta' annwalità u ġestjoni finanzjarja soda u ta' kontinwità.
14. L-Aġenzja taqbel mas-sejbiet u attwalment qed taħdem biex ittejjeb is-sistema tal-inventarju u l-ġestjoni finanzjarja tal-ispejjeż ta' proġetti tal-IT interni. Madankollu, minħabba l-limitu għoli ta' EUR 500 000, ser ikunu kkonċernati biss ftit ferm proġetti tal-IT.
15. Il-kuntratt ta' servizz attwali tal-Aġenzja mal-bank prinċipali tagħha għandu l-appoġġ ta' kuntratt qafas tal-Kummissjoni Madankollu, l-Aġenzja ser tirrevedi dan il-kuntratt sabiex tkompli tnaqqas ir-riskju finanzjarju tagħha.
16. Biex tkompli ttejjeb it-trasparenza tal-proċedura ta' għażla tal-persunal tagħha, l-Aġenzja ser tiżgura li l-evidenza tkun disponibbli biex jiġi kkonfermat li l-mistoqsijiet għall-intervisti u l-eżamijiet jiġu stabbiliti qabel l-iskrinjar tal-applikazzjonijiet riċevuti. Mudell ġdid ta' Notifika ta' Postijiet Battala jispeċifika n-numru massimu ta' kandidati għal-lista ta' riżerva, il-punteġġ limitu biex issir stedina għall-intervisti u biex wieħed jitniżżel fil-lista ta' riżerva.
17. L-Aġenzja qed tkompli bl-investigazzjonijiet tagħha sabiex ittejjeb l-estimi attwali tal-ispiża ta' danni futura tagħha. Madankollu, l-ammont ta' EUR 1 065 000 li għalih kien hemm dispożizzjoni fil-kontijiet tal-2011 kien l-aħjar stima pprovduta mill-avukati tal-Aġenzja sa minn Marzu 2012.
18. L-Aġenzja nediet ħidma ta' konsulenza skont il-kuntratt qafas ta' DG-BUDG dwar Standards ta' Kontroll Intern, bil-għan li tiġi definita u implimentata Politika fl-Aġenzja kollha dwar Kodiċi ta' Mġiba, filwaqt li jitqies ir-rapport tal-Qorti dwar il-Kunflitt ta' Interess.
-